MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 5/2004/1

Avukat Dottor David Tonna f'ismu proprja u f'isem l-assenti Alfred Tonna u tal-assenti Edgar Tonna, Anne Marie Tonna, Emmanuele Tonna, Vincent Tonna, Pauline Tonna, Edward Tonna, Rosalie Tonna bhala usufruttwarja ta' sehem il-mejjet Tancredi Tonna ghal kull interess li jista' jkollha, ilkoll f'isimhom proprju u ghan-nom tad-Ditta Tonna and Diacono, Martin Diacono f'ismu proprja u f'isem l-assenti Saveria Lather u l-assenti Maria Concetta sive Rhoda Wiles, Anthony Marecel Diacono, Margherita Paolina Briffa, Victor Anthony Diacono, Salvatore sive Silvio Distefano, Rose Vassallo, Victor Distefano, Bernarda Cuschieri, Paul Distefano , Josephine Persiano, ilkoll eredi tal-mejjet Guze Diacono LP, Brian Tonna bhala eredi tal-mejjet Renald Tonna

vs

Kummissarju ta' l-Art

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti fejn esponew:

1. Illi l-esponenti huma ko-proprjetarji tas-sit konsistenti f’porzjon art illi tinsab wara l-gibjun go Triq il-Wied, Imsida, liema porzjon art hija murija bl-ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok A, taht it-titolu ta’ enfitewsi perpetwa kif jirrizulta mill-kuntratt tad-9 ta’ Novembru, 1962, fl-atti tan-Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini, kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok B.

2. Illi permezz ta’ dikjarazzjonijiet maghmula mill-Agent Gvernatur Generali u l-President tar-Repubblika ta’ Malta rispettivament datati 8 ta’ Ottubru, 1974 u 2 ta’ Lulju, 1975, bis-sahha ta’ l-Artikolu 3 ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta), kien gie ddikjarat illi l-art imsemmija kienet mehtiega mill-awtorita’ kompetenti ghal skop pubbliku skond id-diposizzjonijiet ta’ l-istess Ordinanza.

3. Illi ghar-rigward ta’ din l-art il-Kummissarju intimat ghadu ma harigx avviz ta ftehim skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi fil-fatt ghaddew aktar minn ghaxar snin mid-data li fiha l-Kummissarju intimat ha l-pussess ta’ l-art inkwistjoni, u ghalhekk jirrikorru l-elementi kollha msemmija fl-artikolu 19 subinciz (1) tal-Kap.88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fil-kuntest tas-suespost, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, minn dakinhar li nhargu d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-Agent Gvernatur Generali u l-President tar-Repubblika ta’ Malta rispettivament datati 8 ta’ Ottubru 1974 u 2 ta’ Lulju 1975, l-esponenti qatt ma kellhom il-pussess tal-art in kwistjoni, liema pussess ghadda f’idejn il-Gvern ta’ Malta li minn zmien ghal zmien uza wkoll partijiet mill-istess art, u dana minkejja l-fatt kif diga’ nghad il-Kummissarju intimat ma hargitx avviz ta’ ftehim.

6. Illi in sostenn tas-suespost, jirrizulta illi d-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar applika u ottjena permess datat 28 ta' Mejju, 2002 (Numru 2798/2001) mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, biex jibni tnax-il stalla fuq l-imsemmija porzjon art, jew parti minnha.

7. Illi porzjon ta' art iehor, proprjeta' ta' certu Joseph Lautier, liema porzjon ta' art jinsab adjacenti ghall-porzjon ta' art li taghha l-esponenti huma ko-proprjetarji giet ukoll esproprjata, u dana permezz ta' dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika tad-29 ta' Settembru, 2003 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok C), u sorpredentement gie offrut kumpens ta' sebgha u erbghin elf u sitt mitt lira Maltija (Lm47,600) f'qasir zmien.

8. Illi l-Kummissarju intimat, fil-persuna tad-Direttur (Artijiet) interpellat diversi drabi, sabiex jillikwida l-kumpens dovut in segwitu l-esproprjazzjoni tal-porzjon ta' art in kwistjoni kif ukoll ihallas id-danni dovuti skond il-ligi minhabba d-dewmien fil-hlas tal-kumpens hekk dovut, anke permezz ta' protest gudizzjarju tat-8 ta' Jannar,2004 (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok D), huwa baqa' inadempjenti.

9. Illi permezz ta' kontro-protest gudizzjarju tal-5 ta' Frar, 2003 (kopja tieghu hawn annessa u mmarkat Dok E), b'risposta ghall-protest gudizzjarju msemmi fis-suespost, id-Direttur (Artijiet) li jaqdi wkoll il-funzjonijiet ta' Kummissarju tal-Art, l-istess Direttur (Artijiet) avza lill-esponenti li kienet sejra tinhareg mill-gdid Dikjarazzjoni Presidenzjali dwar l-art in kwistjoni, argument li bir-rispett m'ghandu ebda fundament legali.

10. Illi ghalhekk, a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.88 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti kellhom jaghmlu r-rikors odjern.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, a tenur ta' l-Artikolu 19 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex dan l-Onorabbli Bord johrog ordni sabiex l-art in kwistjoni tinxtara jew tkun akkwistata

b'dominju pubbliku b'kumpens illi jigi ffissat skond id-disposizzjonijiet tal-imsemmija Ordinanza, jew xi Ordinanza li tbiddel jew imdahhla minflok din l-Ordinanza, inkluz l-Artikolu 12 sub-inciz (3) tal-istess Ordinanza li jippreskrivi imghax ta' hamsa fil-mija (5%) li ghandu jithallas mid-data tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali msemmija hawn fuq sad-data tal-hlas tal-kumpens hekk iffissat minn din l-Onorabbli Bord, jew titbattal fi zmien sena mid-data ta' l-ordni, bl-ispejjez kollha kontra l-Kummissarju intimat, u f'kull kaz b'riserva ghad-danni kollha sofferti mill-esponenti htija tal-istess Kummissarju intimat, u dana taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni kollha.

Ra li l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet ipprezenta r-risposta tieghu fl-4 ta' Novembru 2004 fejn espona:

Illi l-esponent gie notifikat b'rikors fl-ismijiet fuq citati;

Illi preliminarjament l-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghti lil dana l-Onorabbli Bord is-setgha illi jordna l-hrug ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali meta l-art tkun giet esproprjata permezz ta' xiri assolut;

Illi l-Artikolu 19 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta esplicitament dawk il-kazijiet meta l-proprjeta' tigi esproprjata permezz ta' titolu ta' pussess u uzu jew permezz tat-titolu ta' dominju pubbliku;

Illi l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti l-fakolta' lis-sid tal-proprjeta' li giet akkwistata b'pussess u uzu li wara ghaxar snin jaghmel applikazzjoni lil Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet fejn jitlob l-istess Bord, gialadarba l-proprjeta' qieghda b'titolu ta' pussess u uzu, biex johrog ordni biex din tinxtara jew tigi akkwistata b'titolu ta' dominju pubbliku;

Illi huwa f'dan il-kaz biss illi l-Onorabbli Bord ghandu s-setgha jaghti ordni ghal akkwist;

Illi ghalhekk isegwi car illi l-Artikolu 19 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta kif invokat mir-rikorrent, mhux applikabbli ghal kaz odjern;

Illi kuntrarjament ghal dak li qeghdin jallegaw ir-rikorrenti, l-artijiet in kwistjoni gew esproprjati b’titolu ta’ xiri assolut u mhux ta’ pussess u uzu hekk kif jidher car mid-Dikjarazzjonijiet mahruga mill-Agent Gvernatur Generali u mill-President (Kopji annessi u mmarkati Dok VM1 u Dok VM 2).

Illi fit-tieni lok u bla ebda pregudizzju ghas-suespost l-esponent jixtieq jinforma lil dan l-Onorabbli Bord illi d-Dipartiment qieghed jittratta dan il-kaz bl-akbar espedizzjoni possibbli biex tinhareg Dikjarazzjoni Presidenzjali fuq l-art in kwistjoni biex b’hekk ir-rikorrenti jkunu jistghu jithallsu l-kumpens dovut lilhom.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet.

Ikkunsidra:

1. F’dan ir-rikors l-esponenti qed jitolbu lil dan il-Bord johrog ordni sabiex l-art in kwistjoni tinxtara jew tkun akkwistata b’dominju pubbliku.

2. Jirrizulta li hargu dikjarazzjonijiet ghat-tehid ta’ l-art fit-8 ta’ Ottubru, 1974 u 2 ta’ Lulju, 1975. Izda avviz ghal Ftehim ma harigx minkejja li ghaddew mat-tletin sena.

3. Jirrizulta li sar proteset mir-rikorrenti fit-3 ta’ Jannar, 2004 u kontroprotest mill-Onor Ministru tal-Gustizzja u Intern, Onor Ministru ghall-Politika Socjali, Direttur tad-Dipartiment ta’ l-Art fejn gie imwieghed li ser johrog dikjarazzjoni presidenzjali gdida.

4. Ir-rikorrenti ghamlu referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (sede Kostituzzjonali) in re ‘Bezzina Wettinger et vs Kummissarju ta’ l-Artijiet’ u “Allied Newspaper Ltd vs

Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet" fl-10 ta' Ottubru, 2003 u fit-2 ta' Dicembru 2003" li jghidu car u tond kif l-awtoritajiet ta' pajjiz demokratiku ghandhom igibu ruhhom mac-cittadin. Il-Bord m'ghandux jahseb li l-intimat ma fehemx dawn is-sentenzi u r-responsabbilta' li ghandu.

5. B'danakollu l-kompetenza tal-Bord hi limitata ghal dak li jinghad fl-artikolu 25(1) tal-Kap 88 u l-Bord bl-ebda mod ma jistgha jaghmel dak li qed jintalab mir-rikorrenti jigifieri li jaghmel ordni biex l-art tinxtara mill-Awtorita'. Il-Bord jifhem f'hiex sabu ruhhom ir-rikorrenti li ilhom tletin sena jistennew fil-bahh.

6. Il-Bord jiddikjara ruhu inkompetenti li jiehu konjizzjoni tar-rikors u jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju, salvi jeddijiet ohra tar-rikorrent, xieraq u hekk il-Bord jordna li l-ispejjez ikunu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------